# IL-KNISJA MATRIĊI, ARĊIPRETALI, KOLLEĠĠJATA INSINJI U BAŻILIKA

## Ta' San Pietru u San Pawl tan-Nadur



Il-Knisja Parrokkjali tan-Nadur, iddedikata lill-Prinċpijiet tal-Appostli San Pietru u San Pawl, hi mogħnija b'diversi titli ta' ġieħ li ġew mogħtija lil-ha matul is-snin li ilha mwaqqfa mill-1688 sal-lum. Hawnhekk ser infisser dak li hemm fit-titlu ta' dan l-artiklu.

**MATRIĊI:** Knisja Omm ta' knejjes oħra. Dan it-titlu jintuża meta ngħidu li t-tali parroċċa ħarġet minn limiti ta' parroċċa viċin tagħha. Mill-parroċċa tan-Nadur inqatgħu żewġ parroċċi: Għajnsielem fl-1 ta' April 1855 u l-Qala fl-20 ta' Frar 1872. F'Għawdex hemm il-Knisja Katidrali tal-Assunta li minn żmien ilu dejjem kienet magħrufa bħala Matriċi, billi mit-territorju tagħha nqatgħu l-parroċċi t'Għawdex.

**ARĊIPRETALI:** Dan huwa titlu li jingħata lill-qassis inkarigat mit-tmexxija tal-parroċċa. Dan is-saċerdot huwa magħruf ukoll bħala kappillan. Din id-dinjità ngħatat lill-kappillan tan-Nadur, Dun Ġwann Camilleri, permezz tal-Ittri Appostoliċi bid-data tad-19 ta' Diċembru 1893. Dun Ġwann Camilleri ħa l-pussess ta' Arċipriet fl-1 ta' Jannar 1894.

**KOLLEĠĠJATA:** Knisja li magħha jkunu marbuta numru ta' qassisin li jinġabru flimkien biex jirreċitaw l-Uffiċċju Divin. Dawn jissejħu kanonċi. Il-Knisja tan-Nadur ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Kolleġġjata mill-Papa Ljun XIII bil-Bolla Appostolika "Sanctae Romanae Ecclesiae" datata 19 ta' Settembru 1894. Din tan-Nadur kienet it-tielet Kolleġġjata imwaqqfa f'Għawdex wara dik tal-Matriċi tal-Assunta (illum il-Knisja Katidrali) u tal-parroċċa tal-Għarb.

**BAŻILIKA:** Kelma li ġejja mill-aġġettiv feminil Grieg *Basilike* portiku. Kien bini użat mir-Rumani. Il-pjanta tagħha kienet tkun rettangulari u fil-ġnub kien ikoll-ha n-navi. In-nies tas-Senat Ruman kienu jagħmlu l-laqgħa tagħhom hawn. Wara r-rebħa ta' Kostantinu ċerti bażiliċi ġew mibdula fi knejjes.

Fil-Knisja Kattolika jeżistu biss erba' Bażiliki maġġuri, li kollha kemm huma jinsabu f'Ruma, u li fihom hemm is-sede tal-Papa. Il-Bażiliki l-oħra kollha, madwar id-dinja, mal-1,400, huma kollha minuri u titulari. F'Għawdex insibu 6 Bażiliċi li huma: Tal-Madonna tal-Patroċinju fl-Għasri; Is-Santwarju Ta' Pinu; San Ġorġ fir-Rabat; u dawk tan-Nadur, Għarb u Xagħra. F'xi Bażiliċi naraw arkitettura u oġġetti simboliċi li jirrappreżentaw id-dinjità tagħhom.

Ġużi Muscat